MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 374/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti; li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Dicembru 1989 (Vide Dok IS 1 anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li jismu J u li llum huwa maggorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino tat-22 ta’ Settembru 2009 izda ilhom de facto separati minn xulxin sa minn qabel April 2008;

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-esponenti anke fforma rabtiet ma persuna ohra;

Illi m'hemm ebda manteniment dovut lir-rikorrenti stante li ai termini tal-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett huma t-tnejn irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment reciproku filwaqt li lanqas hemm kwistjoni ta' manteniment tat-tifel stante li dan illum huwa maggorenni;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju / hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skont il-Ligi;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Settembru 2009, izda ilhom de facto separati sa minn qabel April 2008.

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet iz-zewg partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment reciproku u ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment tat-tifel illi illum il-gurnata huwa maggorrenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------